**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni 482/2020**

**Illum, 28 t'Ottubru 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Omissis**
**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

Li taqra hekk:

1. U nakkuzahom talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal-Safi, Safi Barracks, Safi:

2. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikoli 325 (1)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallijhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hasru dak li haddiehor kun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal-Safi u dan bi ksur tal-artikolu 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li qed nesbixxi l-personal details forms ta' l-imputati, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020;

Rat illi f'dik is-seduta tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u li l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat illi f'dik is-seduta l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz u l-eta' tenera tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 325 (1)(a), 68(2) u (3), 338 (ee), 338(dd), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Haroun Mubarak Haroun ħati u wara li qieset il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi l-imputat huwa minorenni tikkundannah ghal sentejn habs li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat il-konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat ma jonorax l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur